MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 209/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru 209/2007 FDP
Fl-ismijiet:**

**Christian Scicluna
(ID 207380M)**

**vs**

**Alfred Briffa
(ID 808246M)**

**Il-Qorti**

Rat l-avvizipprezentat fl-10 ta' Lulju 2007 mir-rikorrent Christian Scicluna fejn huwa talab lil dina l-Qorti illi tiddeciedi u tiddikjara illi l-artikolu intitolat "*Propaganda ghall-Mater Dei ... Djar ta' Produzzjoni mhalsa biex jaghmlu pubblicita' okkulta*" ippubblikat f'pagna 7 tal-gazzetta "It-Torca" ta' l-24 ta' Gunju 2007, li taghha l-intimat Alfred Briffa kien l-editur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent billi joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew id-disprezz tal-Pubbliku, wara liema decizjoni, il-Qorti kienet mitluba tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent dik is-somma illi tigi likwidata mill-Qorti a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' l-imharrek ipprezentata fis-6 ta' Settembru 2007 fejn l-intimat eccepixxa li:-

1. L-esponent wassal lill-pubbliku taghrif ta' nteress pubbliku u dana fil-kors ta' xoghlu bhala gurnalista u konformament mal-protezzjoni li jaghti l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Illi l-esponent ippubblika, malli rcevihom, l-ittra kemm tar-rikorrenti kif ukoll ta' Sabrina Mulligan (li dwarha infethet kawza ohra li ser tigi deciza mill-Qorti illum ukoll)

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2007, il-partijiet qablu illi l-provi li kienu ser jingabru fil-kawza odjerna japplikaw ukoll ghall-kawza fl-ismijiet 'Sabrina Mulligan vs Alfred Briffa' - Avviz Nru 210/07, illi qed tigi deciza illum stess.

**Provi**

Rat l-artikolu inkriminanti ppubblikat fil-harga tat-Torca ta' l-24 ta' Gunju 2007 u partikolament s-sottotitoli "*Djar ta' produzzjoni mhallsa biex jaghmlu pubblicita okkulta*" u "*L-ex siehba tal-PRO tal-Mater Dei taghmilha ta'*

*intermedjarju*", kif ukoll tal-parti l-aktar relevanti ghal kaz odjern illi jghid:-

*"Minn taghrif li ghandha t-Torca, jidher li persuna fil-kumpannija Brainbox, li kienet l-ex siehba ta' Chris Scicluna, li kien PRO tal-Ministru Michael Frendo u li llum huwa l-PRO tal-Mater dei, qieghda sservi ta' intermedjarja bejn l-Isptar u l-kumpanniji ta' produzzjoni. Jidher li, jekk dar ta' produzzjoni taccetta li 'tirreklama' l-Mater Dei fil-programmi taghha, mhux biss tithallas hi izda wkoll jinghata l-flus l-istazzjon li jxandar il-programm."*

Rat illi fil-harga tal-gimgha ta' wara, il-gazzetta ppubblikat ic-cahda tar-rikorrent kif ukoll rat in-nota editorjali ta' l-istess editur li sahaq fuq l-allegazzjonijiet tieghu filwaqt illi qalet li l-gazzetta "*bhala gazzetta responsabbli, qatt ma implikat xi illegalita' fil-konfront taz-zewg persuni imsemmija*."

Rat ix-xhieda ta' **Christian Scicluna** moghtija fl-14 ta' April 2008 fejn qal illi meta hareg l-artikolu huwa kien ilu ftit xhur biss fil-kariga ta' PRO tal-Mater Dei. Huwa sahaq li kien iqabbad bhala agenzija lill-kumpanija 'Communique Creative' illi maghha l-Isptar Mater Dei gia kellha relazzjoni kummercjali minn qabel ma beda fil-kariga tieghu ta' PRO. Huwa zied jghid illi lil Ms Sabrina Mulligan, illi kien hareg maghha ghal seba' snin, huwa qatt ma qabbadha sabiex taghmilha ta' intermedjarja ma xi produzzjonijiet televizivi u meta sar xi kuntatt ma dar ta' produzzjoni partikolari, huwa ghamel dan personalment huwa stess minghajr l-intervent ta' hadd. Scicluna kkonkluda jghid illi l-istorja harget ftit gimghat qabel l-'official opening' ta' l-Isptar Mater Dei illi sehh fit-28 ta' Gunju 2007.

Rat ix-xhieda ta' **Sabrina Mulligan** moghtija fl-14 ta' April 2008 fejn hija stqarret illi hija l-unika direttur u l-unika shareholder tal-kumpannija 'Brainbox' u ghalhekk kwalsiasi referenza illi saret ghall-kumpanija 'Brainbox' kienet intiza unikament ghaliha. Hija sahqet illi qatt ma ghamlitha ta' intermedjarja kif jinghad fl-artikolu meritu tal-kaz odjern u qatt ma giet avvicinata minn Chris Scicluna

sabiex taghmel dan it-tip ta xoghol. Qalet ukoll illi hija ma kellha x'taqsam xejn mal-pubblicita ta’ l-Isptar Mater Dei. Hi qalet illi bhala rizultat ta’ l-artikolu, hija kellha l-problemi mal-kumpannija Television Malta, illi maghha tipproduci programmi il-kumpanija 'Brainbox', peress illi talbu spjegazzjonijiet.

Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Micallef** moghtija fis-6 ta' Mejju 2008, li huwa l-Head Corporate Services fi hdan il-Fondazzjoni tas-Servizzi Medici, fejn dana stqarr li l-PR Section tal-Fondazzjoni kienet immexxija mir-rikorrenti flimkien ma' Clyde Puli. Huwa stqarr illi l-unika kumpanija illi huma kienu jaghmlu uzu minnha kienet 'Communique Creative' u qatt ma uzaw is-servizzi ta' 'Brainbox, la bhala kumpannija kif ukoll f'isem Sabrina Mulligan personalment.

Rat illi r-rikorrenti ghalqu l-provi taghhom fuq tali xhieda.

Rat ix-xhieda ta’ l-intimat **Alfred Briffa** moghtija fil-5 ta' Mejju 2010 fejn huwa stqarr illi meta inkiteb l-artikolu, huwa kien editur tat-Torca. Huwa qal illi f'dak il-perjodu, kienu ghaddejjin hafna intricci fil-progett ta' Mater dei u hafna kuntratti kienu qed jinghataw lill- hbieb tal-hbieb.

Dwar il-kaz odjern, huwa qal illi kellu sorsi infurmati, illi ma setax jizvela, li kienu qalulu illi l-kuntratt ta' relazzjonijiet pubblici inghata lill-individwu b'mod dubjuz u ghalhekk hass illi kien fl-interess tal-qarrejja illi igib dan a konjizzjoni taghhom. Is-socjeta Brainbox kienet, skond Briffa, involuta f'din l-istorja, dejjem skond is-sorsi li kellhom.

Briffa jistqarr illi huwa bbaza l-artikolu tieghu fuq l-informazzjoni illi tawh is-sorsi, u ma ghamel ebda tip ta' investigazzjoni ulterjuri dwar jekk tali informazzjoni kienetx korretta jew le, salv illi kkuntattja lis-sorsi tieghu qabel ma pproduca l-artikolu.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tikkoncerna kwistjoni illi qamet aktar minn hames snin ilu, meta kienet ghaddejja il-kwistjoni relatata mal-ftuh ta’ l-Isptar il-gdid Mater Dei, illi kellu reazzjonijiet kemm pozittivi kif ukoll negattivi. Kienet ghaddejja kemm kampanja pozittiva da' parte tal-Gvern u l-media a favur tieghu kif ukoll kampanja negattiva da' parte ta' min ma kienx qieghed jaqbel ma' tali zvilupp u l-media a favur taghhom.

Il-kaz odjern jikkoncerna allegazzjoni maghmulha mill-gazzetta fejn qieghed jinghad illi kien qieghed isir reklamar tal-Mater Dei tramite diversi djar ta' produzzjoni, u dana b'mod okkult, u s-socjeta Brainbox, li hija l-kumpanija ta’ l-ex-partner tar-rikorrenti, kienet involuta bhala intermedjarja f'dina l-pubblicita' okkulta.

Il-provi imressqa mir-rikorrent kienu jinkludu, apparti r-rikorrenti, Sabrina Mulligan, li kienet l-ex-partner tieghu, u Emanuel Micallef, li huwa il-Head Corporate Services fi hdan il-Fondazzjoni tas-Servizzi Medici, u li tahtu jaqa' r-rikorrent Scicluna.

Minn naha l-ohra, l-intimat kull ma ressaq kienet ix-xhieda tieghu stess, peress illi huwa sahaq illi ma kienx f'pusizzjoni li jizvela minn kienu s-sorsi tieghu, abbazi ta' liema sorsi huwa bena l-istorja illi spiccat quddiem il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi ghalkemm ir-rikors promotur jaghmel referenza ghall-artikolu ta’ l-24 ta' Gunju 2007, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll il-kontenut ta’ l-ittra ippubblikata fil-gazzetta stess il-gimgha ta' wara, ossija fl-1 ta' Lulju 2007, u esebita mill-intimat stess fir-risposta tieghu.

Attenzjoni partikolari ghandha tinghata lin-Nota editorjali, liema nota tirispekkja l-'animus' ta’ l-editur meta ppubblika l-ewwel artikolu tieghu, f'liema nota l-editur jghid:-

*"HADD m'ghandu qatt jimmagina li xi darba se ndawwru wiccna mill-FATTI li hemm marbuta ma' l-Isptar Mater Dei.*

*Gebla fuq gebla ta' skandli wiehed wara l-iehor. Huwa dmir taghna li nirrappurtaw dawn il-grajjiet ghax huwa dmir taghna li nifthu ghajnejn il-poplu dwar fejn u kif qieghdin jintefqu flusu - migbura mit-taxxi."*

**Ikkunsidrat**

Illi kif gia kellhom l-opportunita jghidu dawn il-Qrati f'diversi sentenzi taghha, huwa dmir tal-Qorti illi tipprotegi d-dritt ta' l-espressjoni u l-gurnalizmu investigattiv. Dana huwa essenzjali ghas-socjeta tallum illi tibbaza ruhha principalment fuq l-informazzjoni illi tigi lilha moghtija mid-diversi mezzi ta' kommunikazzjoni, fosthom il-gazzetti.

Madanakollu, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Caruana v. Mifsud, deciza fl-24 ta' Settembru 2004:

*"Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz* ***Bladet Tromso and Stensaas v. Norway*** *(20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*
*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (para 65)."*

Issa, fil-kaz in kwistjoni, hareg car illi l-intimat, meta ippubblika l-istorja tieghu, kif ukoll meta rrepplika ghar-risposta tar-rikorrent il-gimgha ta' wara, strah fuq l-informazzjoni illi ghaddhielu s-sors illi huwa kellu u ma ghamel ebda tip ta' investigazzjoni ohra sabiex jassikura illi dak li qallu s-sors kien attwalment minnu, jew vicin il-verita'.

Il-Qorti tifhem illi l-gurnalisti jkollhom is-sorsi taghhom illi ma jkunux jistghu jizvelaw, u tifhem ukoll illi minghajr tali sorsi, certament il-gazzetti ma jkunux jistghu jaqdu d-dmir taghhom illi jinfurmaw lill-qarrejja taghhom bi stejjer illi ghandhom jinkixfu. Del resto, il-Qorti tifhem illi l-gazzetti huma hemm sabiex jghassu fuq dak li qed isir mill-Awtoritajiet, u tgharraf lill-poplu, li ghalihom l-Awtoritajiet qed joperaw, meta dawna l-Awtoritajiet ma joperawx korrettement.

Madanakollu, il-Qorti thoss ukoll illi gurnalizmu investigattiv kien jirrikjedi illi jsir l-investigazzjoni mehtiega u, meta wiehed ikollu sors li ma jistax jigi zvelat, tali gurnalist ghandu jaghmel sforz akbar sabiex jottjeni provi aktar konkreti dwar dak li qed jinvestiga, aktar u aktar meta hemm involuti fil-kaz persuni illi ma humiex involuti fil-kamp politiku, izda huma individwi privati involuti fix-xoghol taghhom.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti ma tistax ma tqiesx dak miktub mill-intimat bhala censurabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ma tistax ma tqies illi r-rikorrenti, inghata l-opportunita illi jirrispondi ghall-allegazzjonijiet maghmulha kontra tieghu fl-ewwel harga ta’ wara ma dehret l-istorja meritu tal-kaz odjern.

Ma tistax, izda, l-Qorti ma tikkunsidrax ukoll illi l-intimat, ghalkemm sahaq illi ma kienx qed jimplika xi illegalita da parte tar-rikorrent fin-nota editorjali tieghu, huwa insista li ma hemm xejn libelluz f’ dak li qal.

Bhalma gia qalet il-Qorti, gurnalizmu investigattiv ghandu dejjem jigi protett mill-Qrati, izda meta tali gurnalizmu jippekka mis-serjeta' u jwassal biex issir hsara lill-persuni minhabba f'nuqqasijiet tal-gurnalist, allura f'dak il-kaz, tali gurnalizmu ghandu jigi censurat.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti qieghda tillikwida l-ammont ta' danni dovut lir-rikorrenti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha u l-attenwanti kollha fuq imsemmija, ghall-ammont ta' elf Ewro (€1,000).

**Konkluzjoni.**

**Il-Qorti**

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti Taqta u Tiddeciedi billi;

Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimat u billi;

Fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet rikorrenti u tiddikjara illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u li tesponih ghad-disprezz u r-ridikolu tal-pubbliku u ghalhekk;

Tikkundanna lill-konvenut Alfred Briffa ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ elf Ewro (€1,000) u dana bhala danni likwidati ghal malafama b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap 248 tal- Ligijiet ta’ Malta);

Spejjez kollha kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------